Nru./No. 21,489
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 2025
Monday, 18th August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 10,849
Government Notices *10,849*

Avviżi tal-Gvern 10,849
Notices *10,849*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,850 - 10,852
Court Notices ..... *10,850 - 10,852*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 1292

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR QRATI U TRIBUNALI ĊIVILI (MALTA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marbeck Spiteri	Aġent Direttur/Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili (Malta) *Acting Director/Registrar Civil Courts and Tribunals (Malta)*	Qorti tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	Mill-20.8.2025 sad-29.8.2025, iż-żewġ ġranet inklużi *From 20.8.2025 to 29.8.2025 both days included*

It-18 ta' Awwissu, 2025

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidata nominata skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Is-Siġġiewi hija din li ġejja, jiġifieri:

Kandidata Nominata

VASSALLO STEPHANIE

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sa Francine Farrugia għal-Lokalità ta' Is-Siġġiewi, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tlieta, 19 ta' Awwissu, 2025 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-18 ta' Awwissu, 2025

GOVERNMENT NOTICE

No. 1292

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CIVIL COURTS AND TRIBUNALS (MALTA)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment.

18th August, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Is-Siġġiewi is the following that is:

Nominated Candidate

VASSALLO STEPHANIE

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Ms Francine Farrugia for the Locality of Is-Siġġiewi, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Tuesday, 19th August, 2025 from 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

18th August, 2025

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

2086

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Mejju, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Rohan Albert Deasn Sinclair.

Gordon Gerada (KI 147672M) bħala amministratur tal-Condominium Association bl-isem 118 Condominium ta' 118, Triq Tigné, Tas-Sliema, ippreżenta Talba, fl-20 ta' Marzu, 2025, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Rohan Albert Dean Sinclair (KI 437111L) ta' 49, Flat 3, Triq Robert Arrigo, Tas-Sliema, sabiex iħallas lill-attur noe is-somma ta' €2,900.88, liema ammont huwa dovut lill-attur noe.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż numru 80/2025CL) hija differita għat-8 ta' Ottubru, 2025, fis-13.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 5th May, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Rohan Alobert Dean Sinclair in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gordon Gerada (ID 147672M) as administrator of Condominium Association with the name 118 Condominium of 118, Triq Tigné, Tas-Sliema, filed a Claim on the 20th March, 2025, whereby he asked the Tribunal to condemn Rohan Albert Dean Sinclair (ID 437111L) of 49, Flt 3, Triq Robert Arrigo, Tas-Sliema, to pay the plaintiff noe the sum of €2,900.88, which amount is due to the plaintiff noe.

With costs and legal interest.

The case (Claim number 80/2025CL) is deferred on the 8th October, 2025, at 13.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 13th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2087

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Ġunju, 2025, Rikors numru 464/2025, minn Aimee Brincat et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Aimee Brincat, Mariella Brincat, Lorraine Grima née Brincat u Theresa Zahra née Brincat ulied id-decujus fi kwoti ta' kwart (1/4) indiviż kull waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Innocenza Brincat née Debattista, armla ta' Paolo Brincat, bint il-mejtin Emmanuel Debattista u Consolata née Camilleri, imwielda l-Imqabba, Malta, kienet residenti l-Imqabba, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fit-2 ta' Diċembru, 2023, ta' 79 sena, u li kellha karta tal-identità numru 94544M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th June, 2025, Application number 464/2025, by Aimee Brincat et whereby they requested that it be declared open in favour of Aimee Brincat, Mariella Brincat, Lorraine Grima née Brincat and Theresa Zahra née Brincat, children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Innocenza Brincat née Debattista, widow of Paolo Brincat, daughter of the late Emmanuel Debattista and Consolata née Camilleri, born in Mqabba, Malta, resided in Mqabba, Malta, and died in Msida, Malta, on the 2nd December, 2023, aged 79, and who held identity card number 94544M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 13 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 13th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2088

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Ġunju, 2025, Rikors numru 464/2025/1, minn Aimee Brincat et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Innocenza Brincat mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) favur Aimee Brincat, Mariella Brincat, Lorraine Grima née Brincat u Theresa Zahra née Brincat ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Paolo Brincat, żewġ Innocenza Brincat née Debattista, bin il-mejtin Lorenzo Brincat u Teresa née Baldacchino, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti l-Imqabba, Malta, u miet l-Imqabba, Malta, fis-27 ta' Novembru, 2023, ta' 84 sena, u li kellu karta tal-identità numru 83039M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th June, 2025, Application number 464/2025/1, by Aimee Brincat et whereby they requested that it be declared open in favour of Innocenza Brincat, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Aimee Brincat, Mariella Brincat, Lorraine Grima née Brincat and Theresa Zahra née Brincat, children of the decujus in equal shares between them the succession of Paolo Brincat, husband of Innocenza Brincat née Debattista, son of the late Lorenzo Brincat and Teresa née Baldacchino, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Mqabba, Malta, and died in Mqabba, Malta, on the 27th November, 2023, aged 84, and who held identity card number 83039M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 13 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 13th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2089

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4090/2021 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Emmanuel Mizzi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 23rd May, 2025, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 4090/2021, in the names Commissioner of Revenue vs Emmanuel Mizzi, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Emmanuel Mizzi (KI 448959M) ta' 66, Triq San Ġorġ, Bormla, fis-27 ta' Settembru, 2021, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €138,399 kwantu għal €59,010 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005,

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Emmanuel Mizzi (KI 448959M) of 66, Triq San Ġorġ, Cospicua, on the 27th September, 2021, Commissioner of Revenue of Administration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €138,399 as for the amount of €59,010 representing the tax from the income and provisional tax for the years of assessment 1999, 2000,

2006, 2007 u 2008 u kwantu għal €79,389 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-Avviż/Talba għall-Ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa se jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 13 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 and 2008 and as for €79,389 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

As you failed to pay the amount due the interpellant notwithstanding the request for payment (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given he will proceed with the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Tax Administration.

Pay the costs of this act.

Registry of the Superior Courts, today 13th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2090

Illi B'digriet tat-Tribunal Industrijali, tas-17 ta' Ġunju, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fuq Principal Search Consulting Malta Ltd.

Iva Slavcheva Itova (KI 0356704A) ta' 11, Da Vinci Court, Flat 12B, Triq ta' Bieb it-Torri, L-Imsida, Malta, ippreżentat talba, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Principal Search Consulting Malta Ltd (C95165) ta' 1st Floor Phoenix Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera SVR 9022, Malta, sabiex jiddikjara li t-tkeċċija daparti tas-soċjetà konvenuta tar-rikorrenti mill-impjieg tagħha kienet tkeċċija inġusta u bbażata fuq raġunijiet mhux tajba u suffiċjenti skont il-liġi u jordna konsegwentement dawk il-miżuri kollha meħtieġa li tagħtih il-liġi inkluż l-impożizzjonijiet u kumpens xieraq u adegwat skont il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà konvenuta.

Il-każ numru 4299/CCG jinsab differit għall-1 ta' Ottubru, 2025, fis-1.30 p.m.

Notifika: Principal Search Consulting Malta Ltd (C95165) ta' 1st Floor Phoenix Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera SVR 9022

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Industrial Tribunal of 17th June, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of effecting service on Principal Search Consulting Malta Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Iva Slavcheva Itova (ID 0356704A) of 11, Da Vinci Court, Flat 12B, Triq ta' Bieb it-Torri, Msida, Malta, filed a claim, whereby the plaintiff asked the Tribunal to condemn Principal Search Consulting Malta Ltd (C95165) of 1st Floor Phoenix Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera SVR 9022, Malta, to declare that the termination of the applicant's employment by the defendant company was unfair and based on improper and insufficient reasons according to law and order consequently all the measures required by law including the imposition of adequate and fair compensation according to law, with costs against the same company.

The case number 4299/CCG is postponed to the 1st October, 2025, at 1.30 p.m.

Notification: Principal Search Consulting Malta Ltd (C95165) ta' 1st Floor Phoenix Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera SVR 9022

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603